# SAN PAWL F'ĠERUSALEM U F'MALTA

*(10 ta' Frar)*

L-istorja tal-Miġja ta' San Pawl f'Malta, tibda f'Ġerusalem.

Għax San Pawl, meta qaleb ma' Ġesù, jiġifieri ħaddan it-tagħlim tiegħu, fehem ħaġa li ħafna nies ma kienux fehmuha (u anqas il-lum m'huma jifhmuha sew). Din il-ħaġa hi: li t-tjieba tal-bniedem għandha tkun FIL-QALB. Mhux tjieba *minn barra*, imma tjieba *minn ġewwa*. Jekk tkun tjieba minn ġewwa u minn barra, sewwa; imma tjieba minn barra biss u minn ġewwa le, ma tiswa xejn.

U din il-fehma tiegħu ma żammhiex għalih. Kien ixandarha barra mill-Palestina, man-nies li kien jitkellem magħhom. Kien igħidilhom li dak il-ħafna ħasil u titħir li kellhom fil-Liġi tagħhom il-Lhud, kien kollu ħala ta' żmien (ara, fost inħawi oħra, l-Ittra lill-Galati, Kap. II).

Għalhekk ukoll lill-Griegi u Pagani oħra li kien idawwarhom Insara, San Pawl ma kienx igħabbihom b'ħafna xogħol. Kien iġiegħelhom jiċħdu l-allat il-ħżiena, u jemmnu f'Alla wieħed, u mill-bqija jgħixu ta' nies bil-għaqal, bla ċajt, u bla superstizzjonijiet. Dan biss u suq għax sebaħ.

Imma billi l-Insara Lhud kienu jafu li San Pawl kien Lhudi, din li ma kienx iħeġġeġ biex titħares il-Liġi ta' Mosè, tagħthom ġewwa wisq. Anqas naf x'baqa' ma għamlux biex iħarbtulu xogħlu (ara l-ittra li semmejna fuq)! Imma hu, billi kien jaf xinhu jagħmel, żamm iebes daqs blata f'nofs ta' baħar, u kull ma għamlu sfalhom fir-riħ.

Mela darba waħda, San Pawl tela' Ġerusalem bil-flus li kien ġabar għall-foqra ta' hemm, u għadda jkellem lil San Ġakbu, li kienu jgħidulu Ħu Kristu, li kien appostlu u l-ewwel Isqof ta' dik il-belt. Dan ġabar miegħu lix-Xjuħ ta' l-Insara u San Pawl deher quddiemhom u qralhom kull ma kien għamel mill-aħħar darba li deher quddiemhom sa dak in-nhar. Meta temm kliemu, San Ġakbu u x-Xjuħ qalulu: "Ħuna l-għażiż, inti taf kemm eluf ta' Lhud saru Insara u kollha ħarreqin għall-Liġi. Taf ukoll x'qegħdin jgħidu fuqek, li m'hux talli m'intix iġġiegħel lill-Pagani li jemmnu li jħarsu l-Liġi ta' Mosè, iżda saħansitra lill-Lhud infishom qiegħed tħajjarhom jitilquha, billi ma jitħrux lil uliedhom u ma jħarsux il-għadiet. Issa taf x'ser jiġri? Kulħadd ser jiġi jeħodha magħna għax jisimgħu li aħna lqajniek. Agħmel mela dan li sa ngħidulek, biex neħilsu minn ħafna taħbit. Għandna erbat rġiel li għamlu wegħda li jagħtu xagħarhom 'l Alla. Ħudhom fil-Ħakel int, u insafa magħhom, u ressaqhom inti biex jitqarwżu. Hekk in-nies tarak u tkun taf li dak li semgħet fuqek m'hux minnu, għax inti wkoll tħares il-Liġi."

Hekk għamel San Pawl, u ħa lil dawk l-erbat irġiel u daħal fil-Ħakel. U xi Lhud għarfuh u bdew jgħidu lil sħabhom: "Ara fejnu dak li għedniel-kom li qiegħed imaqdarna, u jmaqdar Liġitna u Ħakilna! Isa! Ilkoll għalih!"

U kif dan, ħatfuh, u bdew jagħtuh bil-ponn u bis-sieq fejn ġie ġie, iġebbduh 'l hawn u 'l hemm, u ħadu kienu ser jagħmluh trietaq. Imma fuq il-Ħakel sewwa kien hemm fortizza u fiha kien hemm is-suldati Rumani għassa. Dawn raw lin-nies jagħtu u semgħuhom jgħajtu u niżlu jaraw x'ġara. Ħatfulhom lil San Pawl bejn idejhom u tellgħuh magħhom fuq,

Hekk, San Pawl, minn bniedem ħieles, sab ruħu f'idejn ir-Rumani, marbut bħala lsir.

Sentejn dam San Pawl miżmum bħala lsir mir-Rumani. Wara dan iż-żmien, tbiddel il-Ħakem u San Pawl talab li jmur Ruma, biex il-kawża tiegħu tinqatagħlu fil-Qorti ta' l-Imperatur. Għalhekk, il-Ħakem, kif sar il-waqt, għabba lil San Pawl ma' xi mitt ilsir ieħor fuq ġifen; bagħat lil wieħed fizzjal Ruman b'mitt suldat f'nofs daħla ta' baħar, hawn Malta fejn il-lum ingħidulu San Pawl.

Lill-ġifen, il-baħrin, bil-lejl, kienu rabtuh b'erba' ankri, mill-poppa, bejn il-Gżejjer u Buġibba. Kif kienu hemm San Pawl ħajjarhom, lin-nies ta' fuq il-ġifen, biex jieklu ħalli jsaħħu ġisimhom. Biex jagħmlilhom il-qalb, ħabbarlhom li hu kien imgħarraf mis-sema li lkoll kellhom jaqbdu l-art qawwijin u sħaħ. Wara li kielu, imbagħad xeħtu l-qamħ il-baħar (għax bil-qamħ kien



**Xbieha xjentifka tal-ġifen ta' San Pawl, meħuda mill-ktieb ta' Captain James Smith: "Voyage and Shipwreck of St. Paul".**

miegħu bħala għassa tagħhom, u telaqhom ħalli jmorru lejn Ruma qajl qajl.

Imma kif waslu ma' ġenb Kreta, lill-ġifen taqbdu żgħuba ta' ajru u baħar f'daqqa, u bdiet iddawwru u tgħollieh donnu laqxa berwieq. Erbatax-il jum damu f'din il-ħala, binnhar u bil-lejl, ma jafux fejn huma. Fl-aħħar, darba waħda għal xi nofs il-lejl intebħu li qorbu lejn xi art, u meta beda jżernaq, isibu ruħhom imgħobbi l-ġifen), biex jeħfiefu u jogħlew, u meta jitilqu lejn l-art jersqu aktar 'il ġewwa.

Issa kien laħaq sebaħ, u kif kienu jħarsu lejn l-art, lemħu għafsa filbaħar, b'roqgħa blat abjad baxx (dak li hemm bejn it-Torri u Biġibba), u billi hemm ir-riħ Grigal ma jaqbilx, qatgħu li jitfgħu l-ġifen hemm ġew. Għalhekk niżżlu l-baħar iż-żewġ tmunijiet li kellhom fil-poppa, tellgħu

l-qala' ż-żgħir fil-pruwa, qatgħu l-ankri, u żammew tajjeb it-tmunijiet biex jidħlu fir-rokna li semmejna fuq. Imxew biċċa ġmielha lejn dik ir-rokna, imma mbagħad ir-riħ għelibhom u daħħalhom f'Ta' l-Għażżenin.

Ta' l-Għażżenin ħabtilhom aħjar, għax il-baħar baxx ħafna. Il-ġifen inkalja ftit bgħid mill-art, imma bil-għajnuna ta' għadd kbir ta' Maltin li ġew fuq ix-xatt (il-ħaddema tal-Ħakem ta' Malta, għax hemm kellu r-raba tiegħu), telgħu kollha l-art, min jaf igħum u min ma jafx, u kif ħabbarilhom San Pawl, minnhom ma għereq ħadd.

U l-Maltin ħadu ġiebu qatiegħ żraġen u ħatab u pal tal-bajtar niexef u għarrmuhom f'rokna tal-blat, fil-ħofra, fejn ir-riħ ma kienx jaqbel, u tawhom in-nar. U għajjtu lin-nies biex jiġu ma' dwaru biex inixxfu ħwejjiġhom u jisħnu, għax dak kien xahar Novembru u kienet ix-xita u l-ksieħ.

Hekk, lil San Pawl, il-Kbarat u Għorrief ta' Pajjiżu riedu joqtluh; u l-foqra u barbrin ta' Malta daru bih u xegħlulu n-nar biex jaħjuh u jagħtuh is-saħħa.

BEN JEHUŻA.

---

# L-ESSENI

It-taħfir u l-kixfiet ta' l-għaġeb li saru f'dawn l-aħħar snin fil-Palestina qajjmu t-tifkira ta' xirka qadima ta' rħieb li kienu jgħidulhom *Esseni*. Billi m'ilux kixfu f'Ħerbet Qumran, in-naħa tal-punent tal-Baħar il-Mejjet, is-sisien ta' dejr kbir tagħhom, ingħidu kelmtejn fuqhom, fuq il-ħajja tagħhom u fuq ix-xebħ bejnhom u bejn xi persunaġġi kbar imsemmijin fil-Vanġelu.

Sa minn xi żmien qabel Kristu, il-Lhud kienu maqsumin f'żewġ qasmiet jew setet kbar, il-Farisin u s-Sadduqin. Il-Farisin kien moħħhom fil-Liġi ta' Mosè u fit-tifsir u l-irqaqat kollha li nibtu madwarha matul iż-żminijiet u li kienu jgħidulhom 'it-tagħlim tal-missirijiet'. Minn għalihom il-qdusija tal-ħajja kienet ir-reqqa li biha kienu jħarsu dawn l-irqaqat. Kristu kien iċanfarhom għax kienu jħarsu l-irqaqat bla ma jqisu xejn il-preċetti kbar tal-liġi morali, u ma kienux jilqgħu t-tagħlim ta' Kristu biex iżommu mat-tagħlim tal-missirijiet. Is-Sadduqin, bil-maqlub, kienu jżommu mal-kelma tal-liġi bla ma jqisu t-tagħlim tal-missirijiet. Imma ma kienux jemmnu fil-qawma minn bejn l-imwiet u anqas bl-anġli. Farisin u Sadduqin imsemmijin bosta drabi fl-Evanġelju.

Il-kittieba Lhud, Josef Flavjus u Filon, li għexu fl-ewwel seklu wara Kristu, u kittieba oħra qodma jsemmu wkoll l-Esseni bħala xirka oħra tal-Lhud. X'kienu dawn? L-isem tagħhom Lhudi ma nafuhx. Bil-Grieg imsemmijin *Essenoi* u xi drabi *Essaioi*. Filon isensel dan l-isem mal-kelma Griega *hosios* 'raġel tajjeb, devot'. Jekk hu hekk, l-Esseni kienu xirka ta' nies tajba. Iżda oħrajn ifissru l-isem xort'oħra.

Josef Flavjus jagħtina ħafna tagħrif fuqhom. Kienu jgħammru fil-Palestina, l-aktar in-naħa tal-punent tal-Baħar il-Mejjet. Il-ġid li kellhom kien ta' kulħadd u ħadd ma kellu xejn tiegħu, u għalhekk fosthom la kien hemm faqar u anqas għana żejjed f'idejn il-ftit. L-ilbies kienu jbiddluh meta jeqdiem u jitqatta'. Meta jsiefru, ma jieħdu xejn magħhom, għax kull fejn imorru huma milqugħin minn sħabhom. Kienu jistmellu ż-żwieġ, mhux għax kienu jqisuh ħaġa ħażina, imma għax il-mara kienu jżommuha bħala għajn ta' żina li aktarx ma żżommx